MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 587/2004

**Paolo Bonnici Limited**

**vs**

**Daniel Orsini**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta’ attrici fit-28 ta’ Ottubru, 2004, fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, sitt mija u tmienja u disghin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm3,698.36), prezz ta’ xorb lilu mibjugh u kkonsenjat – Invoice Dok. A annessa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid Kawtelatorju, pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz ghas-smeigh, u bl-imghaxijiet legali mis-27 ta’ Awissu, 2004 sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Daniel Orsini fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-konvenut qatt ma xtara jew ha pussess ta’ xi xorb minghand is-socjeta’ attrici;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi f’Lulju, 2004 il-konvenut flimkien ma’ siehbu Clifton Ciantar dahal f’negozjati mas-socjeta’ attrici ghall-*sponsorship* ta’ zewg *parties* illi kien ser jorganizza fl-14 u fil-21 ta’ Awissu, 2004. L-ewwel *party* kellu jsir fuq lanca maghrufa bhala l-Burn Boat, waqt li t-tieni *party* kien fl-Amazonia, Bugibba.

Joe Cassar *sales* u *marketing manager* mas-socjeta’ attrici kkonferma illi saru dawn in-negozjati u l- d-ditta attrici accettat ti taghti *sponsorship* ghal dawn iz-zewg avvenimenti. Sar ftehim u gie iffirmat ukoll ‘credit application form’. Filwaqt li fil-ftehim il-konvenut iffirma ghan-nom ta’ Dan Music Agency, il-*credit application form* hija maghmula minnu personalment.

Il-merkanzija giet ikkonsenjata fil-postijiet indikati mill-konvenut u l-istess konvenut jghid illi ghal dak illi jirrigwarda l-Burn Boat ma kienx hemm problemi peress illi l-merkanzija kollha giet konsenjata lilu. Jghid pero’ illi parti mill-konsenja li saret l-Amazonia ma gietx moghtija lilu peress illi tqieghdet go trakk illi ma kienx jappartjeni lilu u meta mar biex jirtira l-merkanzija sab illi kien hemm xi nuqqas minnha. Kien ghalhekk illi wara sab diffikulta biex ihallas lis-socjeta’ attrici.

Minkejja illi kif is-soltu jsir wara kull *party*, is-socjeta’ attrici tmur lura tiehu r-*returns*, f’dan il-kaz ma setghetx taghmlu

peress illi l-konvenut u Clifton Ciantar hadu r-*returns* kollha go mahzen f' Haz Zebbug u dawn ittiehdu mis-socjeta' attrici f'xi zmien wara.

Fis-27 ta' Awissu, 2004 is-socjeta' attrici harget l-*invoice* finali wara illi ghamlet il-bilanci necessari, fejn taghat il-*credit* li kien intitolat ghalih il-konvenut u naqqset ix-xorb illi hadet lura.

Minkejja illi l-konvenut inghata z-zmien biex ihallas, dan ma ghamel xejn u meta s-socjeta' attrici rat illi l-isforzi taghha biex tiehu l-flus bonarjament sfaw ghall-xejn, kellha tirrikorri ghal il-Qorti. Fl-atti tal-kawza hemm esebiti l-ftehim maghmul bejn il-partijiet a fol 22, il-*credit application form* a fol. 27 kif ukoll id-*delivery notes* moghtija lill-konvenut.

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut donnu qieghed jghid illi ma huwiex marbut personalment mas-socjeta' attrici peress illi l-ftehim sar ma' Dan Music Agency. Dan huwa minnu peress illi l-firma hekk jidher, pero' fil-*credit application form* hemm miktub car li dan is-self qed isir lill-konvenut personalment. Fil-fatt fl-ewwel paragrafu tal-kondizzjonijiet ghal tali self, inghad, "Please note that PAOLO BONNICI LTD are granting the facility to open an account and approving credit terms only to the client/clients as shown in this form."

Il-*clients* f'dan il-kaz huma Daniel Orsini, l-konvenut, u s-sieheb tieghu Clifton Ciantar.

Is-socjeta' attrici, pero' ghazlet li tagixxi kontra Daniel Orsini biss, kif hija ntitolata taghmel peress illi kien hu wara kollox li dahal fin-negozjati maghha u ha beneficcju ta' merkanzija kkonsenjata. Barra minn hekk, peress illi si tratta ta' operazzjoni kummercjali, s-socjeta' attrici hija libera li tagixxi kontra min trid ladarba r-responsabbilita' tal-kontraenti hija "in solidum". Ghalhekk, il-konvenut ma jistax jahbi wara l-anonimita' ta' xi agenzija jew kumpanija ohra. Il-Qorti jidhrilha li ghal dan l-ammont bilancjali

ghandu jkun responsabbli l-konvenut wahdu. Il-Qorti tikkondividi l-problemi li kellha s-socjeta’ attrici biex tikkomunika mall-konvenut u biex tiehu lura xi flus li kienu dovuti lilha.

Minkejja illi l-konvenut stqarr fix-xhieda tieghu illi ma kienx hemm problemi ghal dak illi jirrigwarda d-*deliveries* li saru fuq il-Burn Boat, ma dan kollu xorta ghazel li ma jhallasx centezmu wiehed mill-ammont kollu dovut lis-socjeta’ attrici. Dan jirrifletti certa traskuragni u rieda hazina li zgur m’ghandux jibbenefika minnha l-konvenut.

Il-Qorti wkoll tifhem dak li qal John Cassar meta ghalaq ix-xhieda tieghu b’referenza ta’ l-allegat serq ta’ merkanzija, “Jiena jiddispjacini meta jigri hekk, pero’ *business* huwa *business*, ahna ghamilna l-konsenja, x-xoghol sar, ibbenefika minnu l-konvenut u jrid ihallas.” Din hija wkoll il-konkluzjoni li tasal ghaliha din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallasha s-somma ta’ tlett elef, sitt mija u tmienja u disghin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm3,698.36), prezz ta’ xorb lilu mibjugh u kkonsenjat skond invoice annessa ma’ l-istess Avviz.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz ghas-smiegh kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------